MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Numru 792/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**vs**

**SEBASTIAN DALLI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Sebastian Dalli, ta’ 50 sena, bin il-mejjet Carmel u Emma nee’ Bonnici, imwieled Hal Qormi fit-13 ta’ Novembru 1956 residenti 16, Triq l-Ghoxrin ta’ Jannar Hal Qormi u detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 769956 (M).

1. Billi gie akkuzat talli nhar l-1 ta’ Ottubru 2005, ghall-habta ta’ 3.00am, fir-Rabat, ingurja u hedded lil PC 517 Anthony Francalanza, PC1205 Jonathan Zahra u PC 267

Anthony Cassar u kif ukoll ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess PC 517 Anthony Francalanza, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfliwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 517 Anthony Francalanza, PC 1205 Jonathan Zahra u PC 267 Anthony Cassar, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok JC2 u nnutat li l-imputat Sebastian Dalli m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jeffrey Cilia iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Sebastian Dalli fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali minima tal-imputat tillibera lill-imputat Sebastian Dalli taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Sebastian Dalli ghall-piena ta' seba mitt Euro (Euro 700) multa.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jeffrey Cilia fil-Verbal tas-Seduta tallum dwar din l-istess l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Sebastian Dalli l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------